32000D0729

L 293/20 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 22.11.2000

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI
ta' l-10 ta' Novembru 2000
dwar kuntratt standard li jkopri l-kondizzjonijiet għall-użu tat-tikketta *Eco* tal-Komunità

(notifikata taħt id-dokument numru C(2000) 3278)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2000/729/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL- KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari Artikolu 175(1) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1980/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Lulju 2000, dwar Skema riveduta għall-Għoti tat-Tikketta *Eco* tal-Komunità [1], u b'mod partikolari Artikolu 9 tiegħu,

billi:

(1) Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1980/2000 jistabbilixxi li għandu jiġi adottat kuntratt standard skond il-proċedura stabbilita f'Artikolu 17,

(2) Huwa approprjat, mhux biss sabiex jiġi evitat ix-xkiel fil-kompetizzjoni iżda wkoll sabiex jiġi żgurat illi l-interessi tal-konsumaturi u ta' l-utenti jiġu protetti, li l-kondizzjonijiet għall-użu tat-tikketta jkunu uniformi fil-Komunità kollha,

(3) L-awtoritajiet kompetenti għandhom, madanakollu, ikunu kapaċi, bla ħsara għall-kumpatibbiltà mar-Regolament (KE) Nru 1980/2000, jinkludu disposizzjonijiet addizjonali fil-kuntratt.

(4) Huwa approprjat li l-kuntratt jinkludi disposizzjonijiet għas-sorveljanza tal-konformità li jippermettu li l-korp kompetenti jkun jista' jagħmel ċert li t-tikketta tintuża biss għal prodotti li jissodisfaw l-objettivi u l-prinċipji speċifikati f'Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 1980/2000 u li huma skond il-kondizzjonijiet tal-kuntratt.

(5) Huwa xieraq ukoll li, f'każijiet ta' nuqqas ta' konformità ma' l-objettivi u l-prinċipji ta' l-imsemmi Regolament u skond il-kuntratt, għandhom jiġu stabbiliti disposizzjonijiet dwar is-sospenzjoni jew l-irtirar ta' l-għoti tat-tikketta.

(6) Il-miżuri stabbiliti f'din id-Deċisjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit skond Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 1980/2000,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-kuntratt li għandu jiġi konkluż bejn il-korp kompetenti u kull applikant skond Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru. 1980/2000 għandu jkun skond il-forma stabbilita fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Mingħajr preġudizzju għal Artikolu 1, il-korp kompetenti jista' jinkludi fil-kuntratt disposizzjonijiet addizzjonali sakemm dawk id-disposizzjonijiet addizzjonali jkunu kumpatibbli mar-Regolament (KE) 1980/2000.

Artikolu 3

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Settembru 1993 dwar kuntratt *standard* li jkopri l-kondizzjonijiet ta' l-użu tat-tikketta *Eco* tal-Komunità [2] qiegħda tiġi mħassra.

Artikolu 4

Din id-deċiżjoni hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, 10 ta' Novembru 2000.

Għall-Kummissjoni

Margot WALLSTRÖM

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 237, tat-21.9.2000, p. 1.

[2] ĠU L 243, tat-29.9.1993, p. 13.

ANNESS

KUNTRATT STANDARD LI JKOPRI L-KONDIZZJONIJIET TA' L-UŻU TAT-TIKKETTA ECO TAL-KOMUNITÀ

PREAMBOLU

Il-korp kompetenti..... (titolu sħiħ) hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "il-korp kompetenti", Reġistrat fi..... (l-indirizz s]i]), li għall-iskop ta' l-iffirmar ta' dan il-kuntratt huwa rappreżentat minn..... (isem tal-persuna responsabbli),..... (isem sħiħ tad-detentur), fil-kapaċità tiegħu bħala fabbrikant, importatur, fornitur tas-servizzi, kummerċjant jew bejjiegħ bl-imnut, li l-indirizz tiegħu reġistrat uffiċjalment huwa..... (l-indirizz sħiħ), hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "id-detentur", rappreżentat minn..... (isem tal-persuna responsabbli), ftiehmu dwar dan li ġej fir-rigward ta' l-użu tat-tikketta Eco tal-Komunità:

Artikolu 1

DRITTIJIET U OBBLIGI

1.1. Il-korp kompetenti jagħti lid-detentur id-dritt li juża t-tikketta Eco għall-prodotti tiegħu kif deskritt fl-ispeċifikazzjonijiet tal-prodott annessi, li huma konformi mal-kriterji tal-grupp ta' prodotti relevanti fis-seħħ f'dak il-perjodu ....., adottati mill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej fil-..... (data), ippublikati fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* tal-..... (referenza sħiħa), u anness ma' dan il-kuntratt.

1.2. It-tikketta Eco għandha tintuża biss fil-forma u bil-kulur stabbiliti fl-ispeċifikazzjonijiet tat-tikketta Eco provduti mill-korp kompetenti u anness ma' dan il-kuntratt u għandhom ikunu jidhru b'mod ċar. Id-dritt li wieħed juża t-tikketta Eco ma jestendix għal-użu tat-tikketta Eco bħala komponent tat-trademark.

1.3. Id-detentur għandu jagħmel ċert li l-prodott li miegħu tkun ser titwaħħal it-tikketta jikkonforma matul iż-żmien kollu ta' dan il-kuntratt mal-kondizzjonijiet ta' l-użu u mad-disposizzjonijiet stabbiliti f'dan il-kuntratt kif ukoll mal-kriterji tal-grupp tal-prodott u ma' l-ispeċifikazzjonijiet tat-tikketta Eco msemmija fl-Annessi ta' dan il-kuntratt li jkunu applikabbli fil-ħin in kwestjoni. M'hijiex meħtieġa applikazzjoni ġdida għall-modifiki fil-karatteristiċi tal-prodotti li ma jaffetwawx il-konformità mal-kriterji. Id-detentur għandu madanakollu jgħarraf lill-korp kompetenti dwar dawn il-modifiki permezz ta' ittra reġistrata. Il-korp kompetenti jista' jwettaq il-verifiki approprjati.

1.4. Il-kuntratt jista' jiġi estiż għal firxa aktar wiesgħa ta' prodotti minn dawk previsti inizjalment, iżda dan huwa soġġett għal ftehim mal-korp kompetenti, u suġġett ukoll għall-kondizzjoni li dawn japparrtjenu għall-istess grupp u li jikkonformaw ukoll mal-kriterji tiegħu Il-korp kompetenti jista' jivverifika li dawn il-kondizzjonijiet ġew sodisfatti. L-Anness li jagħti fid-dettall l-ispeċifikazzjonijiet tal-prodotti għandu jiġi modifikat kif suppost.

1.5. Il-parteċipazzjoni fl-iskema tat-tikketta Eco hija mingħajr preġudizzju għal kull rekwiżiti ambjentali jew regolatorji tal-Komunità jew tal-ligi nazzjonali li jistgħu jkunu applikabbli għad-diversi stadji fiċ-ċiklu tal-ħajja ta' l-oġġetti, u fejn xieraq ta' servizz.

Artikolu 2

RIKLAMAR

2.1. Id-detentur għandu jagħmel referenza għall-għoti tat-tikketta Eco biss fir-rigward tal-prodott imsemmi f'Artikolu 1 u fl-Anness ta' dan il-kuntratt.

2.2. Id-detentur m'għandux jirreklama jew jagħmel xi dikjarazzjoni jew juża xi tikketta jew logo b'mod qarrieqi jew li jista' jiżvija, jew li jista' joħloq it-taħwid, jew li toħloq dubju dwar l-integrità tat-tikketta Eco.

2.3. Il-possessur huwa responsabbli taħt dan il-kuntratt għall-mod kif it-tikketta Eco tintuża b'konnessjoni mal-prodott tiegħu, speċjalment fil-kuntest tar-reklamar.

Artikolu 3

SORVELJANZA TAL-KONFORMITÀ

3.1. Il-korp kompetenti, li jinkludi wkoll l-aġenti tiegħu li huma awtorizzati għal dan l-iskop jista' jwettaq kull sħarriġ jew dak li huwa meħtieġ sabiex jissorvelja l-konformità kontinwa tad-detentur kemm mal-kriterji tal-grupp ta' prodotti kif ukoll mal-kondizzjonijiet ta' l-użu u mad-disposizzjonijiet ta' dan il-kuntratt. Għal dan l-iskop, il-korp kompetenti jista' titlob, u d-detentur għandu jipprovdi, kull dokumentazzjoni relevanti sabiex tiġi ppruvata din il-konformità.

3.2. Barra minn hekk, il-korp kompetenti, inklużi l-aġenti tiegħu awtorizzati għal dan l-iskop mill-korp kompetenti, jista', f'kull ħin raġonevoli u mingħajr avviż, jitlob, u d-detentur għandu jagħti, aċċess għall-fond iddikkjarat fl-Anness jew parti minnu, għall-iskopijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ta' l-Artikolu preżenti.

3.3. Id-detentur għandu jagħmel tajjeb għall-ispejjeż raġonevoli li jintefqu mill-korp kompetenti taħt dan l-Artikolu.

Artikolu 4

KUNFIDENZJALITÀ

4.1. Minbarra kif mitlub mir-Regolament (KE) Nru 1980/2000, u b'mod partikolari Artikolu 7 tiegħu, il-korp kompetenti u kull wieħed mill-aġenti awtorizzati tiegħu ma jistgħux jikxfu, jew jużaw għal xi skop li m'għandu ebda konnessjoni ma' dan il-kuntratt, informazzjoni li jkunu akkwistaw aċċess għaliha matul l-evalwazzjoni ta' prodott bil-għan li tingħata t-tikketta Eco jew matul is-sorveljanza tal-konformità skond Artikolu 3 ta' dan.

4.2. Il-korp kompetenti għandu jieħu l-passi raġonevoli kollha meħtieġa sabiex jiżgura l-protezzjoni tad-dokumenti fdati lilu kontra l-falsifikazzjoni u l-approprjazzjoni bla jedd.

4.3. Barra minn hekk, il-korp kompetenti għandu jieħu l-passi kollha meħtieġa sabiex jagħmel ċert li d-dokumenti kollha fdati lilu jkunu mħarsa mill-qerda, għal perjodu ta' mill-anqas tlett snin mid-data tat-tmiem ta' dan il-kuntratt. Fit-tmiem ta' dan il-perjodu l-korp kompetenti jista' jeqred id-dokumentazzjoni.

Artikolu 5

SOSPENSJONI U RTIRAR

5.1 F'każ illi id-detentur jintebaħ illi huwa m'huwiex konformi mal-kondizzjonijiet ta' l-użu jew mad-disposizzjonijiet li jinsabu f'Artikoli 1, 2 u 3, id-detentur għandu jinnotifika lill-korp kompetenti u joqgħod lura mill-juża t-tikketta Eco sakemm dawk il-kondizzjonijiet għall-użu jew dawk id-disposizzjonijiet jkunu mħarsa u l-korp kompetenti ikun ġie notifikat dwar dan.

5.2. Meta l-korp kompetenti jidħrilu li d-detentur kiser xi waħda mill-kundizzjonijiet ta' l-użu jew xi disposizzjoni ta' dan il-kuntratt, il-korp kompetenti jkollu l-jedd li jissospendi jew jirtira l-awtorizzazzjoni sabiex id-detentur ikun jista' juża t-tikketta Eco, u li jieħu l-miżuri meħtieġa sabiex iwaqqaf lid-detentur milli jużaha aktar, inklużi dawk il-miżuri msemmija f'Artikolu 9.

Artikolu 6

LIMITAZZJONI TAR-RESPONSABBILTÀ U TA' L-INDENNIZZ

6.1. Id-detentur m'għandux jinkludi it-tikketta Eco bħala parti minn garanzija fir-rigward tal-prodott msemmi f'Artikolu 1.1 ta' dan il-kuntratt.

6.2. Il-korp kompetenti, inklużi l-aġenti awtorizzati tiegħu, m'humiex responsabbli għal ebda telf jew danni mġarrba mid-detentur li jirriżultaw mill-għoti u/jew mill-użu tat-tikketta Eco.

6.3. Il-korp kompetenti, inklużi l-aġenti awtorizzati tiegħu, m'humiex responsabbli għal ebda telf jew danni mġarrba minn xi terza persuna li jirriżultaw mill-għoti u/jew mill-użu, inkluż ir-reklamar, tat-tikketta Eco.

6.4. Id-detentur għandu jindennizza u jżomm indennizzat lill-korp kompetenti u lill-aġenti awtorizzati tiegħu kontra kull telf, danni jew responsabbiltà mġarrba mill-korp kompetenti, jew mill-aġenti awtorizzati tiegħu, b'riżultat ta' ksur ta' dan il-kuntratt mid-detentur jew b'riżultat ta' dipendenza mill-korp kompetenti fuq informazzjoni jew dokumentazzjoni provduti mid-detentur, inklużi kull pretensjoni minn xi terza persuna.

Artikolu 7

ĦLASIJIET

7.1. Id-detentur jintrabat li jagħti lill-korp kompetenti ħlas jew ħlasijiet, għall-użu tat-tikketta Eco fuq il-prodott li għalih issir referenza f'Artikolu 1.1 u fl-Anness, għall-perjodu ta' l-użu kif stabbilit f'dan il-kuntratt, skond ir-regoli dwar il-ħlasijiet fis-seħħ fil-ħin ta' l-iffirmar tal-kuntratt, li jkunu għad-disposizzjonijiet tal-korp kompetenti fil-..... (data u referenza shiha), u kif annessi ma' dan il-kuntratt. F'każ ta' sospensjoni jew tmiem bikri mill-korp kompetenti jew mid-detentur, id-detentur ma jkunx intitolat għal rifużjoni (tal-ħlas(ijiet)), la tas-somma shiha u lanqas ta' parti minnha.

7.2. L-użu tat-tikketta Eco hijamarbuta mal-kondizzjoni li l-ħlasijiet kollha relevanti jitħallsu meta dovuti.

Artikolu 8

ILMENTI

8.1. Il-korp kompetenti jista' jgħarraf lid-detentur dwar kull ilment li jsir dwar il-prodott li jġib it-tikketta Eco, u jista' jitlob lid-detentur biex iwieġeb għal dawk l-ilmenti. Il-korp kompetenti jista' jaħbi l-identità ta' min jagħmel l-ilment mid-detentur.

8.2. Kull rtweġiba li tingħata mid-detentur skond it-talba taħt Artikolu 8.1 għandha tkun mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u/jew l-obbligi tal-korp kompetenti taħt Artikoli 3 u 5 ta' dan il-kuntratt.

Artikolu 9

IT-TUL TAŻ-ŻMIEN TAL-KUNTRATT U L-LIĠI APPLIKABBLI

9.1. Għajr kif huwa stabbilit fl-Artikolu 9.2, 9.3 u 9.4 ta' dan, dan il-kuntratt għandu jibda jiskorri mid-data meta jiġi ffirmat sa (.....) jew sad-data ta' l-iskadenza tal-kriterji tal-grupp tal-prodott, skond liema waħda tiġi l-ewwel.

9.2. Meta d-detentur ikun kiser xi waħda mill-kondizzjonijiet jew mid-disposizzjonijiet ta' dan il-kuntratt skond it-tifsira ta' Artikolu 5.2, il-korp kompetenti huwa ntitolat li jqis dan bħala ksur tal-kuntratt li jagħtih jedd, flimkien mad-disposizzjonijiet ta' Artikolu 5.2, biex itemm il-kuntratt, b'ittra rreġistrata lid-detentur, f'data aktar bikrija minn dik stabbilita f'Artikolu 9.1, fi żmien li għandu jiġi stabbilit mill-korp kompetenti.

9.3. Id-detentur jista' jtemm il-kuntratt billi jagħti lill-korp kompetenti notifika ta' tlett xhur minn qabel b'ittra rreġistrata.

9.4. Jekk il-kriterji tal-gruppi ta' prodott kif stabbiliti f'Artikolu 1.1 jiġu estiżi mingħajr emendi għal xi perjodu, u jekk l-ebda notifika bil-miktub ta' terminazzjoni ma tkun ingħatat mill-korp kompetenti ta' mill-inqas tlett xhur qabel l-iskadenza tal-kriterji tal-grupp tal-prodott, il-korp kompetenti għandu jgħarraf lid-detentur ta' mill-anqas tlett xhur bil-quddiem li l-kuntratt sejjer jiġi mġedded awtomatikament sakemm il-kriterji tal-grupp tal-prodott jibqgħu fis-seħħ.

9.5. Wara t-terminazzjoni ta' dan il-kuntratt id-detentur ma jistax juża t-tikketta Eco fir-rigward tal-prodott speċifikat f'Artikolu 1.1 u fl-Anness ta' dan il-kuntratt, kemm għal skopijiet ta' ttikkettjar jew ta' reklamar. It-tikketta Eco tista' madanakollu, għal perjodu ta' sitt xhur wara t-terminazzjoni, tingieb fuq ħażniet miżmuma mid-detentur jew minn ohrajn u li jkunu manifatturati qabel it-terminazzjoni. Din id-disposizzjoni ta' l-aħħar m'għandiex tapplika jekk il-kuntratt ikun ġie mitmum għar-raġunijiet previsti f'Artikolu 9.2.

9.6. Kull tilwima bejn il-korp kompetenti u d-detentur jew kull pretensjoni minn parti waħda kontra l-oħra bbażata fuq dan il-kuntratt li ma tkunx ġiet solvuta bi ftehim bonarju bejn il-partijiet kontraenti, għandu jkun soġġett għall-liġi applikabbli ta' l-Istat Membru/reġjun tal-korp kompetenti u għall-ġuriżdizzjoni tal-qrati ta' l-Istat Membru/reġjun tal-korp kompetenti.

L-Annessi li ġejjin għandhom jiffurmaw parti minn dan il-kuntratt:

— kopja tar- Regolament (KE) Nru 1980/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Lulju 2000 dwar Skema riveduta ta' l-Għoti tat-Tikketta Eco tal-Komunità, (bil-lingwa(i) relevanti tal-Komunità),

— l-ispeċifikazzjoniet tal-prodott, li għandhom ta' mill-inqas jinkludu d-dettalji ta' l-ismijiet, u/jew n-numri ta' referenza interni tal-manifattur, il-postijiet tal-manifattura, u n-numru jew numri relatati tar-reġistrazzjoni tal-liċenzja tat-tikketta Eco,

— kopja tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni.....(dwar il-kriterji tal-grupp tal-prodott),

— speċifikazzjonijiet tat-tikketta Eco, li jindikaw fost affarijiet ohrajn li t-tikketta għandha tiġi stampata jew b'żewġ kuluri (Pantone 347 aħdar u Pantone 279 blu), jew bl-iswed fuq l-abjad, jew bl-abjad fuq l-iswed.

— kopja tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/728/KE ta' l-10 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi l-ispejjeż u l-ħlasijiet konnessi mat-tikketta Eco tal-Komunità, bil-(lingwa(i) tal-Komunità relevanti).

Magħmul f' ..... data .....
.....
(Il-korp kompetenti)

Persuna nominata .....
.....
(Firma b'rabta legali)

Sigill tal-korp kompetenti

Magħmul f' ..... data .....
.....
(Detentur)

Persuna nominata .....
.....
(Firma b'rabta legali)

Sigill tal-kumpanija